

Brussell, 23 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

6446/21
ADD 30

RECH 72
COMPET 123
IND 40
MI 105
SAN 82
TRANS 94
AVIATION 42
ENER 50
ENV 94
SOC 95
TELECOM 70
AGRI 79
SUSTDEV 22
REGIO 29
IA 22

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 23 ta' Frar 2021

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2021) 38 final - Part 9/9

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-
IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-
Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa
Sħubija Ewropea dwar Idroġenu Nadif

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 38 final - Part 9/9.

Mehmuż: SWD(2021) 38 final - Part 9/9



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
SWD(2021) 38 final

PART 9/9

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta'
Orizzont Ewropa**

Sħubija Ewropea dwar Idroġenu Nadif

{COM(2021) 87 final} - {SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)
Valutazzjoni tal-impatt dwar idroġenu nadif
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhil-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Filwaqt li l-idroġenu huwa fjuwil nadif, bla emissjonijiet, xorta huwa aktar għali minn sorsi oħra tal-enerġija, u l-biċċa l-kbira jiġi mill-gass naturali, u jiġġenera d-diossidu tal-karbonju (CO ₂). Għandna bżonn nipproduċu l- "idroġenu nadif" minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jeliminaw l-emissjonijiet tas-CO ₂ mill-proċess. L-applikazzjonijiet tal-idroġenu nadif huma aktar għaljin mit-teknoloġiji f'kompetizzjoni, u għadhom mhumiex kompletament affidabbli jew ta' kwalità suffiċjenti għall-adozzjoni. Hemm ukoll varar limitat fuq skala kbira tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-idroġenu nadif. Il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u tar-riċerka Ewropea dwar l-idroġenu, flimkien mal-partijiet ikkonċernati tal-enerġija, tat-trasport u tal-industrija tal-kostruzzjoni huma l-aktar affettwati.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
Il-kontribuzzjoni b'mod kwantifikabbli għall-kisba tal-għanijiet klimatiċi 2030 u għan-newtralità klimatika sal-2050. It-tiŝiħ u l-integrazzjoni tal-kapaċità xjentifika tal-UE biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp u t-titjib tal-applikazzjonijiet avvanzati tal-idroġenu nadif li huma lesti għas-suq, għall-użi finali tal-enerġija, tat-trasport, tal-bini u tal-industrija. It-tiŝiħ tal-kompetittività tal-katina tal-valur tal-idroġenu nadif tal-UE (speċjalment l-SMEs).
X'inhil-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
L-idroġenu nadif għandu ktajjen tal-valur kumplessi u interkonnessi, li jirrikjedu l-kooperazzjoni effettiva u l-kollaborazzjoni minn settur għall-ieħor fil-livell Ewropew biex id-dimostrazzjoni u l-varar jiġu żgurati b'suċċess fuq skala kbira.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet biex jinkisbu l-obiettivi? Hemm jew le xi għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
L-għażliet li ġejjin ġew ikkunsidrati bħala mezz ta' appoġġ għar-R&I tal-idroġenu: <ul style="list-style-type: none"> • sejniet għal proposti tradizzjonali ta' Orizzont Ewropa; • sħubija Ewropea koprogrammata; jew • sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 tat-TFUE. Is-sħubija istituzzjonalizzata hija l-għażla ppreferuta peress li hija l-aħjar biex tipprovdi strateġija u impenn fit-tul mill-industrija kif ukoll mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni Ewropea.
X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
80 % tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika ssuġġerew li sħubija Ewropea istituzzjonalizzata jkollha effett sinifikanti (pożittiv) fuq iż-żieda tat-tmexxija industrijali u tkun "rilevanti ħafna" fit-teknoloġiji tal-idroġenu u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?
L-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-idroġenu nadif permezz ta' sħubija istituzzjonalizzata tiżgura bl-aħjar mod li s-setturi privati u pubbliċi jibqgħu involuti bis-sħiħ fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġija fit-tul għar-R&I ta' idroġenu nadif. Hija konsistenti mal-ingranaġġ ta' riżorsi finanzjarji industrijali <i>in natura</i> , biex jiġi massimizzat l-impatt tal-finanzjament tal-Kummissjoni. Se tappoġġa l-iżvilupp ta' strateġija għall-idroġenu li hija allinjata bis-sħiħ mal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-impenn klimatiku Ewropew.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?
Il-kostijiet operazzjonali annwali ta' sħubija istituzzjonalizzata bbażati fuq il-kostijiet tal-2018 tal-impriża konġunta FCH 2 eżistenti huma ta' EUR 2,9 miljun (27 persunal) u ta' EUR 2,1 miljun għal kostijiet diretti oħra. Għall-perjodu 2014-2015, l-Impriża Konġunta FCH 2 iġġenerat EUR 1,63 ta' ingranaġġ totali, jiġifieri EUR 1,63 appoġġ mill-industrija għal kull EUR 1 appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Simili għas-sejħiet għal proposti tal-programm LEIT, madwar 25 % tas-sħab fil-proġetti tal-Impriża Konġunta FCH 2 huma SMEs u nofs il-membri ta' Hydrogen Europe huma SMEs. Is-sħubija tippermetti kumpaniji iżgħar, li jkunu żviluppaw prodotti niċċa biex iservu swieq ta' idroġenu li qed jikbru u biex jagħmlu kuntatt ma' atturi industrijali akbar li jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp tagħhom.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Mhuwiex mistenni impatt partikolari fuq il-baġits jew l-amministrazzjonijiet nazzjonali, għalkemm sħubija istituzzjonalizzata tgħin biex terġa' tagħti l-ħajja u tarmonizza l-programmi nazzjonali tar-riċerka dwar l-idroġenu.
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?
Proġetti ta' dimostrazzjoni addizzjonali x'aktarx jiġġeneraw aktar interess pubbliku fl-idroġenu. Fl-istess ħin, jenħtieġ li sensibilizzazzjoni pubblika ikbar u l-edukazzjoni dwar l-idroġenu joħolqu l-bażi tal-appoġġ pubbliku għall-applikazzjonijiet tal-idroġenu. L-istandards u n-normi se jiġu indirizzati aktar faċilment fil-livell internazzjonali, fejn jenħtieġ li l-UE jkollha vuċi waħda biss.
Proporzjonalità?
Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' sħubija istituzzjonalizzata tiżgura li s-setturi privati u pubbliċi jibqgħu involuti bis-sħiħ fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġija fit-tul għar-R&I ta' idroġenu nadif. Dan għandu jingrana riżorsi finanzjarji industrijali <i>in natura</i> , biex jimmassimizza l-impatt tal-finanzjament tal-Kummissjoni u jappoġġa l-iżvilupp ta' strateġija għall-idroġenu li tkun allinjata bis-sħiħ mal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Jenħtieġ li jkun hemm evalwazzjoni interim tas-sħubija istituzzjonalizzata proposta tliet snin wara l-bidu tal-operat tagħha.

